

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/1413**tad-29 ta' Ġunju 2023****li japprova emenda għall-ispeċifikazzjoni tal-prodott ta' denominazzjoni ta' oriġini protetta jew ta' indikazzjoni ġeografika protetta ("Vins de la Corrèze" (IĠP))**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/33 tas-17 ta' Ottubru 2018 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni ta' denominazzjonijiet ta' oriġini, indikazzjonijiet ġeografiċi u termini tradizzjonali fis-settur tal-inbid, il-proċedura ta' oġġezzjoni, ir-restrizzjonijiet tal-użu, l-emendi għall-ispeċifikazzjonijiet tal-prodott, it-tħassir tal-protezzjoni, u t-tikkettar u l-preżentazzjoni ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Kummissjoni eżaminat it-talba ta' Franza għall-approvazzjoni ta' emenda għall-ispeċifikazzjoni tal-prodott ta' indikazzjoni ġeografika protetta "Vins de la Corrèze", f'konformità mal-Artikolu 105 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾. Din l-emenda tiddel l-isem "Vins de la Corrèze" għal "Pays de Brive".
- (2) Il-Kummissjoni ppubblikat it-talba għall-approvazzjoni tal-emenda għall-ispeċifikazzjoni tal-prodott skont l-Artikolu 97(3) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ⁽³⁾, kif meħtieġ mill-Artikolu 97(3) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
- (3) Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oġġezzjoni f'konformità mal-Artikolu 98 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.
- (4) Għalhekk jenħtieġ li l-emenda għall-ispeċifikazzjoni tal-prodott tiġi approvata f'konformità mal-Artikolu 99 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 flimkien mal-Artikolu 15(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/33.
- (5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komunitas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-emenda għall-ispeċifikazzjoni tal-prodott ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* li tikkonċerna l-isem "Vins de la Corrèze" (IĠP) hija approvata.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

⁽¹⁾ ĠU L 9, 11.1.2019, p. 2.

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671).

⁽³⁾ ĠU C 96, 15.3.2023, p. 22.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Ġunju 2023.

Għall-Kummissjoni
Fisem il-President,
Janusz WOJCIECHOWSKI
Membri tal-Kummissjoni
